MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1065/2002

**Lukanda Limited.**

**-vs-**

**Combinations Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi in forza ta' Rikors pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2002 is-socjeta' konvenuta talbet il-bejgh in Subasta tal-Euroclub Hotel u restaurant kontigwu u sottopost ghaliha t-tnejn bla numru fuq zewg toroq u cioe' Triq il-Merluzz u Triq il-Fliegu, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, proprjeta' tas-socjeta' esponenti,

kif ahjar jirrizulta mill-kopja ta’ l-istess Rikors hawn anness u markat Dok. “A” u liema atti tas-Subasta jgibu n-numru progressiv 97/2002.

Illi kuntrarjament ghal dak premess fir-rikors fuq imsemmi, s-Sentenza tat-2 t’Ottubru 1996 Citazz. Nru. 428/93 GV, kif konfermata bis-Sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell sas-6 t’Ottubru, 2002 fl-istess ismijiet, is-socjeta’ esponenti giet ordnata u tirritorna lis-socjeta’ intimata mija u sitt (106) “CombiLock Safes” fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data ta’ l-istess sentenza, u fin-nuqqas biss ikkundannata thallas is-somma msemmija fir-Rikors promotorju tas-Subasta ta’ tnejn u ghoxrin elf, seba’ mija u seba’ Liri Maltin (Lm22,707.00).

Illi effettivament, is-socjeta’ esponenti kienet entro il-hmistax-il (15) jum mill-imsemmija sentenza offriet l-imsemmija mija u sitt (106) “Combi-Lock Safes” kif Ordnat l-imsemmija Sentenza, pero’ kienet is-socjeta’ intimata illi ma accettatx l-istess safes u ghalhekk is-socjeta’ attrici ddepozitat l-istess mija u sitt (106) “Combi-Lock Safes” taht l-Awtorita’ tal-Qorti in forza ta’ Cedola ta’ Depozitu numru 1115/00 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok. “B”.

Illi, ghalhekk effettivament qatt ma skatta t-tieni dispozittiv ta’ l-imsemmija Sentenza u cioe’ il-kundanna ghall-hlas, li ghab-bazi taghha sar ir-Rikors ghas-Subasta. U huwa ghalhekk li ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi l-imsemmija Subasta qed tintalab minghajr ebda raguni valida fil-ligi u hija irrita, nulla u inammissibbli.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tannulla, tirrevoka u thassar l-atti tas-Subasta numru 97/2002 fl-ismijiet “Combinations Limited vs Lukanda Limited” u dan stante illi l-parti dispozittiva tas-

Sentenza tat-2 t'Ottubru, 1996 moghtija minn din il-Qorti kif

konfermata bis-Sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 t'Ottubru, 2000 fejn Ordnat il-hlas ta' tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u seba' Liri Maltin (Lm22,707) ma giet qatt reza ezekuttiva, effikaci u in vigore.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-Rikors tas-Sospensjoni tas-Subasta pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Michael Ciappara, I.D. 216337(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata fid-9 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi s-socjeta' attrici abbuzat mis-sistema gudizzjarja u u dan peress illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma rrifjutat is-safes kif premess fic-citazzjoni u fic-cedola ta' depozitu u li ghaldaqstant ma kellha qatt s-socjeta' attrici tiddepozita l-istess safes;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Joseph Caruana, I.D. 189352(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Illi l-punt in kostestazzjoni f'din il-kawza huwa jekk is-socjeta' attrici ottomperawx ruhha mas-sentenza fil-kawza

fl-ismijiet inversi deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma dawn. Is-socjeta' attrici giet ikkundannata permezz tal-istess sentenza tirritorna lis-socjeta' konvenuta numru ta' Combi Safe Locks fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza u in mankanza ta' dan thallas is-somma indikata fir-rikors. L-istess socjeta' attrici ssostni li hija offriet li tikkonsenja l-oggetti msemmija izda wara xi disgwid iddepositathom taht l-awtorita' tal-Qorti fit-18 ta' Ottubru, 2000. Zmien wara pero' s-socjeta' konvenuta inizjat il-proceduri esekuttivi msemmija fir-rikors. Il-konvenuti da parti taghhom isostnu li ma hux minnu li l-attrici adempjew l-obligazzjoni kontenuta fis-sentenza msemmija u ghalhekk kienu awtorizzati jinizjalaw il-proceduri. Ghal kull buon fini ghandu jinghad illi din il-kawza qed issir kontestwalment ma dik fl-istess ismijiet bin-numru 1060/2002.

Id-dispositti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili jghid hekk;(skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi ikkonfermatha); *tat hmistax il-gurnata improrogabbli (lill-konvenuti) biex jirritorna l-imsemmija safes skond kif miftiehem bejn il-kontendenti fil-klawsola sitta tal-ftehim tat-2 ta' Novembru, 1988 u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lmm22,777.22c bl-imghax u spejjes kontra l-konvenut.*

Mhux kontestat li mmedjatament wara s-sentenza Michael Ciappara u Joseph Caruana ltaqghu f'isem is-socjetajiet kontendenti biex b' xi mod issir l-esekuzzjoni tas-sentenza b'mod sodisfacenti izda ma ntlahaqx ftehim fuq il-prezz ghaliex jidher li s-socjeta attrici pprovat tixtri s-*safes* minflok tikkonsenjahom. Jidher allura li mbaghad l-atturi (konvenuti f'dawn il-proceduri) qatghu qalbhom li jesgwixxu s-sentenza fil-hin (skond Ciappara din l-operazzjoni kellha tiehu iktar minn tlett gimghat) u probabilment fuq parir legali iddepostawhom il-Qorti anke

jekk x'aktarx dan id-depositu kien simboliku ghaliex l-oggetti kienu ghadhom ghandhom. Madankollu l-fatt hu li legalment minn dak in nhar kienu taht l-

awtorita' tal-Qorti u l-konvenuti ma ghamlu xejn biex jikkontestaw dan id-depositu, ghalkemm il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Richard Caruana vs Silvio Felice (3 ta' Jannar, 1990) irriteniet li ma kienx necessarju ghall-intimat li jattakka l-validita' tac-cedola b'xi azzjoni *ad hoc*, izda *biex id-depositu jkun jiswa' daqs il-hlas huwa kompitu tal-konvenut li jipprova sodisfacentement li tali depositu kien maghmul skond il-ligi. Huwa risaput illi biex id-debitur jezimi ruhu mir-responsabilita' f'kaz li l-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas l-istess debitur ghandu jghaddi ghad-depositu wara li l-hlas ikun validament offrut lill-kreditur.* Fil-kawza fl-ismjiet MAC Limited vs Said International Limited (9 ta' Ottubru, 2003) din il-Qorti qalet ftit jew wisq l-istess haga.

F'dan il-kaz pero' l-kwistjoni kienet ftit iktar ikkomplikata ghaliex minhabba n-natura tal-oggetti d-depositu ma kienx daqshekk facili anke ghaliex skond ix-xhud Ciappara, rappresentant tas-socjeta' attrici, biex il-*locks* jinqalghu kienet operazzjoni li tiehu circa tlett gimghat u huma kellhom hmistax il-gurnata skond is-sentenza biex jirritornaw l-oggetti. Il-Qorti ma tikkondivix l-attegjament tal-imsemmi xhud li donnu ppretenda illi l-konvenuti imorru huma ghall-oggetti mertu tal-kawza bejniethom. L-attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom staqsew kellhomx jiehdu l-oggetti fuq *truck* quddiem l-ufficini tal-konvenuti u skond huma *jaghmlu show.* Il-Qorti ma ordnatilhomx jaghmlu *show* izda kienu fl-obbligu huma li jirritornaw l-oggetti. Li gara kien li billi fil-frattemp saret trattativa superficjali biex huma jixtru s-*safes*, lahaq ghadda iktar zmien. Huwa veru li l-konvenuti setghu baghtu lil xi rapresentant taghhom biex jigbru s-*safes* huma izda fil-verita' ma kellhom ebda obligu jaghmlu dan. Ma ghamlux pero' lanqas huma sew ghal inqas mill-aspett morali li

minghajr pre avviz bdew l-eskuzzjoni tas-sentenza sentejn wara dawn il-fatti meta allura d-depositu kien ilu li sar.

Huwa car li fil-waqt li l-ligi taghti lill-kreditur il-mezzi kollha

necessarji biex jithallas, tipprotegi lid-debitur mill-abbuz tal-proceduri legali u dan wiehed jirriskontrah f'diversi artikoli tal-Kapitolu 162. Ghalhekk per esempju fil-kawza citata mill-atturi Pio Abela vs Emma Sammut Pullicino deciza mill-Prim Awla tad-29 ta' Jannar 1960 il-Qorti dehrilha li kellha tikkumenta hekk;

"*Huwa veru li dan id-depositu li sar mill-attur qabel il-mandat ma jekwavilix ghal pagament billi ma jirrivestix ir-rekwisiti legali. Huwa veru li dan id-depositu ma sarx wara offerta ta' hlas u rifjut mill-konvenut skond l-Artikolu 1216 tal-Kodici Civili izda evidentement sar biex l-attur jissalvagwadja d-drittijiet tieghu ...*"

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika ukoll dan il-principju ghaliex ma jkunx gust illi l-konvenuti japprofittaw ruhhom mis-sitwazzjoni u jigu kompensati eccessivament ghall-kreditu taghhom meta in effetti is-sentenza in kwistjoni primarjament ordnat ir-ritorn tal-oggetti liema oggetti effetivament illum huma taht l-awtorita' tal-Qorti. Billi pero' l-Qorti tista' taghti l-provvedimenti li jidhrilha skond is-subinciz erbgha (4) tal-Artikolu 283 A li tahtu saru l-proceduri l-ohrajn imsemmija bejn il-partijiet se taghti provvediment fl-istess proceduri biex tassikura r-ritorn tal-oggetti a spejjes tas-socjeta' attrici.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba attrici u tannulla u thassar l-atti tas-subasta imsemmija.**

**L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------